# IN-NISĠA

x'qed isir mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari
Ministeru tal-Finanzu u l-Affarijiet Ekonomiċi

MALTA CRAFTS COUNCIL
IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

SMALL BUSINESSES & CRAFTS

Fuljett Maħruġ mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

Numru 1 – Lulju 2003


## Kampanja *Ixtri Malti*

Kull attivita' li ser ikun qed jorganizza l-Kunsill Malti għall-Artġjanat ser tibda tagħmel parti minn kampanja ta' *marketing* indirizzata għall-konsumatur Malti u dak turistiku li għandha l-għajta "Ixtri Malti" "Buy Maltese". Din hija kampanja li qed issir biex tirrispondi għat-talba li saret minn bosta artiġjani li xtaqu li f'pajjiżna terġa' tinstama' din l-għajta. Għalhekk ser tkun qed issir din is-sejħa bil-ħsieb li joktor iżjed il-bejgħ ta' prodotti ta' l-artiġjanat Malti.

## Tiftaħ wirja fil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

RABAT

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat organizza wirja ta' l-Artiġjanat fl-istess Kunsill flimkien mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. F'din il-wirja qed jiġu esebiti diversi xogħlijiet ta' l-artiġjani Maltin li madwar nofshom huma Rabtin. Il-ħsieb wara l-organizazzjoni ta' din il-wirja huwa biex l-artiġjan jingħatalu spazju fejn jesebixxi l-artġjanat tiegħu bil-għan li l-artiġjanat ikun aktar apprezzat. Aktar apprezzament għall-artiġjanat Malti jfisser aktar bejgħ ta' l-istess artiġjanat. Permezz ta' din il-wirja il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat nieda ukoll il-kampanja *Ixtri Malti*.

## Jibda l-ewwel kors ta' taħriġ għall-Artiġjani organizzat mill-Kunsill Malti għall-Artiġjanat.

Fl-Istitut ta' l-Arti u d-Disinn ta' l-MCAST ġie mniedi l-ewwel kors ta' taħriġ bażiku fil-*marketing* u l-arti tal-*packaging* tal-prodott ta' l-artiġjanat. Għal dan il-kors qed jattendu 'l fuq minn 20 artiġjan. Huwa fil-ħsieb tal-Kunsill Malti għall-Artġjanat li jorganizza korsijiet oħrajn. Għalhekk, jekk hemm min huwa nteressat li fil-ġejjieni jieħu sehem f'kors bħal dan ikun tajjeb li jinforma lis-Segretaju tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Din l-opportunita' ta' taħriġ hija meħtieġa għal min irid jara li jirnexxi fix-xogħol tiegħu.

## Ikunu mqassma *stickers* biex jiċċertifikaw li prodott huwa maħdum lokalment.

Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, sentejn ilu, nieda skema ta' għoti ta' ċertifikati lill-Artiġjani biex dawn iċ-ċertifikati jkunu jistgħu jiġu mogħtija mal-prodotti li jkunu ġew immanifatturati f'Malta u f'Għawdex. Ma' din l-iskema il-Kunsill issa nieda skema oħra ta' għoti ta' *stickers* lill-artiġjani kif ukoll lill-imprendituri u dan bil-ħsieb li dawn l-i*stickers* ikunu mwaħħla ma' prodotti ta' l-artiġjanat Malti u Għawdxi li magħhom ma jkunx jista' jiġi mwaħħal jew mogħti ċ-ċertifikat li huwa forma ta' biljett (*tag*). Dawn iċ-ċertifikati, kemm dak forma ta' biljett (*tag*), kif ukoll, dak forma ta' *sticker* ma' għandhomx jitwaħħlu ma' prodotti ta' l-artiġjanat li mhux Malti jew Għawdxi. Anzi tajjeb li nfakkru li kull min jiċċertifika li prodott maħdum barra minn Malta bħala prodott li ġie maħdum lokalment dan ikun qed jikser il-liġi.




Ċertifikati: *Tag* u *Sticker*

## Isiru l-aħħar preparamenti għal *stand* bil-prodotti ta' l-artiġjanat fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta 2003 li ssir fin-Naxxar

Il-Kunsill Malti għall-Artiiġjanat qed jara li fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta 2003 fin-Naxxar, l-artiġjani li ma jistgħux ikollhom stand għalihom biss, ikunu jistgħu jesebixxu flimkien ma' artiġjani oħra fil-padiljun tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat. Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat qed jaħdem biex joffri kull opportunita' possibbli lil kull artiġjan biex dawn l-artiġjani jesebixxu l-prodotti tagħhom. Iżjed ma jkollna esebizzjonijiet u opportunitajiet fejn tintwera l-ħila ta' l-artiġjanat Malti, iżjed ikollna konsumaturi li jgħarrfu l-valur ta' l-artiġjanat Malti. Għalhekk, nawguraw suċċess lil dawk kollha li ser jesebixxu fil-padiljun tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat kif ukoll suċċess għal kull min ser jesebixxi il-proddott tiegħu f'din il-Fiera Internazzjonali. Nawguraw ukoll li l-konsumatur Malti jara l-valur fil-prodott Malti u jiddeċiedi li jixtri Malti.

## Ikunu ppubblikati l-ewwel abbozzi ta' standards għall-bizzilla u l-filugranu maħdumin bl-idejn

Kienu bosta dawk l-għaqdiet u organizzazzjonijiet li ħadmu flimkien mal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u l-Awtorita' Maltija għall-Istandards biex ikunu ppubblikati l-ewwel abbozzi għall-aħħar fażi ta' konsultazzjoni pubblika qabel ma jkunu ppubblikati uffiċċjalment dawn l-istandards li jistabbilixxu l-proċeduri ta' manifattura bl-idejn tal-bizzilla u l-filugranu. Issa kull min jixtieq jagħmel is-suġġerimenti tiegħu lill-Awtorita' Maltija ta' l-Istandards biex ibiddel jew iżid xi parti f'dawn l-abbozzi, dan jista' jagħmlu f'din il-fażi.

## Jibdew jingabru l-ismijiet ta' dawk l-artiġjani li huma interessati li jieħdu sehem fil-Malta Day-UK ta' Londra.

Il-Malta Day - UK organizzata mill-Ambaxxata Maltija fl-Londra issa saret okkażżjoni li ħafna jkunu qed jistennew. Saret ukoll okkażżjoni fejn artiġjani huma mistiedna jesebixxu l-prodott tagħhom f'dawn l-attivitajiet. Il-preparazzjoni dwar din l-attivita' qed issir mill-Ambaxxata Maltija fl-Londra. Kemm-il darba hemm xi artiġjani li jkun jixtieq li jieħu sehem f'din l-attivita', jista' jkellem lis-Segretarju tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat.

## Laqgħa għal dawk li għandhom *hut* fil-Villaġġ ta' l-Artiġjanat f'Ta' Qali.

Nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju fl-4.00p.m. saret laqgħa għal dawk kollha li għandhom *hut* fil-Villaġġ ta' l-Artiġjanat ta' Ta' Qali. Dan bil-ħsieb li dawk kollha kkonċernati jkunu mgħarrfa bl-aħħar żviluppi dwar il-proġett ta' bini mill-ġdid għal dan il-villaġġ.

Huwa mistenni li dan ikun l-aħħar Sajf li fih qed jopera dan il-Villaġġ bil-mod kif inhuwa sal-lum. Il-permessi ta' l-Iżvilupp mill-MEPA huma mistennija li jinħarġu fi ftit ġimgħat oħra. F'din il-laqgħa ser tingħata l-informazzjoni kollha lil dawk li ser jattendu.

**COMMERCE DIVISION**
Lascaris Valletta
www.mfea.gov.mt
Tel.: 25690332
charles.j.vassallo@gov.mt